# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 3 ta' Ottubru, 2001.**

**Nru: 18**

**Citazzjoni Nru: 1194/01GV**

**Sullivan Maritime Limited.**

**-vs-**

**Euro Chemie Products Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' attrici pprovdiet servizzi lis-soscjeta' konvenuta, konsistenti f'garr ta' merkanzija, skond istruzzjonijiet ta' l-istess socjeta' konvenuta.

Premess illi s-socjeta' konvenuta hija ghalhekk debittrici tas-socjeta' attrici fis-somma bilancjali ta' (Lm1.176.05) elf, mija u sitta u sebghin lira u hames centezmi.

Premess illi nonostante li kien hemm korrispondenza bejn il-partijiet, li biha s-socjeta' attrici interpellat lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas, din pero' baqghet inadempjenti.

Premess illi dan id-debitu huwa cert likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta' attrici s-socjeta' konvenuta m' ghandhiex eccezzjonijiet x'

taghti u ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili.

Is-socjeta' atrici talbet lil din il-Qorti:

1. Taqta' u tiddeciedi l-kawza ai termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedrua Civili u cioe' bid-dispesa tas-smiegh tal-kawza u

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mija u sitta u sebghin lira u hames centezmi (Lm1.1176.05) lilha dovuta – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali mid-data ta' l-invoice relattiva u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali ta' l-1 ta' Gunju, 2001 kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci.

Semghet l-Avukata tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**